MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru. 324/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

\- **vs -**

**Joseph Grima bin Marcellus u Pauline nee' Tabone, imwieled fis-17 ta' Ottubru, 1951 u residenti "Grima" Triq Piju Cellini, Nadur, Ghawdex. Numru ta' l-Identita' 69451(G).**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **JOSEPH GRIMA** gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-3 ta' Gunju, 2005 ghal habta tas-

12:55 ta' wara nofsinhar, fil-Qorti t'Ghawdexfi Pjazza Katidral, Rabat, Ghawdex;

1. Volontarjament Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;

2. Hebb kontra l-persuna ta' Mary Anne Curmi minn Nadur u kkagunalha feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. J. Xuereb Curmi MD tac-centru tas-Sahha tar-Rabat, Ghawdex;

3. U aktar talli verbalment hedded lil Mary Anne Curmi minn Nadur;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 u 384 tal-Kap 9.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1424 M'Anne Curmi, PC 958, Dr. Georgina Scicluna Bajada u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod volontarju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-ewwel zewg akkuzi jirrizultaw provati b'mod sodisfacenti u l-Qorti ssibu hati taghhom u tikkundannah multa komplessiva ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25). Tiddeciedi li ma ssibux hati tat-tielet akkuza u tilliberah minnha.

Oltre dan tobbligah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur taht penali ta' hamsin lira Maltija (Lm50) li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil M'Anne Curmi, u dan ai termini ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------